

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2020 – Philip Morris Products vs EUIPO (SIENNA SELECTION)**(Kawża T-130/20)**

(2020/C 175/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Philip Morris Products SA (Neuchâtel, l-Isvizzera) (rappreżentant: L. Alonso Domingo, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni "SIENNA SELECTION" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 954 903

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Diċembru 2019 fil-Każ R 1675/2019-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2020 – FC vs EASO**(Kawża T-148/20)**

(2020/C 175/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg***Partijiet**

Rikorrenti: FC (rappreżentant: B. Christianós, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)